MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 374/2009

**A B B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat C B zzewwgu fit-18 ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. **DF1**;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet sabiex jizzewgu inkiseb biss b'biza' morali u theddid;

3. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens ta' l-intimat kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sari z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tmintax (18) ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-artikoli 19 (a), 19 (c), 19 (d) u 19 (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-intimat jopponi t-talba attrici ghal dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Dicembru 1991, u dan peress illi ma jezistux l-estremi, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li jwasslu ghal din id-dikjarazzjoni ta' nullita`;

2. Illi l-intimat jichad li hemm xi caput nullitatis li jista jigi attribwit lilu ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg – partikolarment, hu jichad b'mod assolut u kategoriku illi hu ma kellux setgha intelletwali jew li ma kienx ta' rieda tajba bizzejjed biex jikkuntratta z-zwieg, jew li kien ibati minn xi anomalija psikologika serja, kif allegat fir-rikors guramentat;
3. Illi l-intimat jichad ukoll kategorikament li hu qatt kien hati ta' xi biza' morali u theddid meta gie kkuntrattat iz-zwieg odjern, jew li hu ipprattika xi qerq dwar xi kwalita' tieghu li seta' induca lir-rikorrenti li jkollha l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg ivvizzjat;
4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jekk din l-Onorabbli Qorti tara li fil-fatt hemm ragunijiet li jaghtu lok li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi annullat, dan ghandu jkun ghal ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrenti;
5. Illi ghalhekk peress li dan iz-zwieg m'ghandux jigi annullat, u f'kull kaz ma hemm l-ebda caput nullitatis li jista' jigi attribwit lill-intimat ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn intalab l-annullament taz-zwieg u dana peress illi l-attrici ikkontendiet illi dan iz-zwieg huwa null u invalidu ghall-fini u effetti kollha tal-Ligi u ai termini

tal-Artikoli 19 (1) (a), 19 (1) (c), 19 (1) (d), 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-konvenut oppona ghat-talbiet attrici u eccepixxa illi jekk hemm xi caput nullitatis dan ghandu jkun attribwibbli unikament lill-attrici; izda huwa sostna illi z-zwieg ma ghandux jigi annullat u f’kull kaz ma hemm l-ebda caput nullitatis li jista jigi attribwit lilu.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi meta iltaqghet mal-konvenut kellha biss tmintax (18) il-sena, kienu johorgu fi grupp ta’ hbieb u kienet innutat li l-konvenut kien differenti ferm minn shabu ghaliex kien kwiet u maqtugh ghalih wahdu. Ghall-ewwel bdew johorgu biss bhala hbieb, izda ftit wara bdew johorgu flimkien bhala koppja. Aktar ma beda jghaddi zmien l-attrici xehdet illi l-konvenut beda jipprova ikellimha fuq il-passat tieghu. Hija kienet tithassru ghalix kellu tfulija difficli peress li ommu u missieru kienu infirdu meta huwa kellu biss madwar ghaxar (10) snin. Ommu ma hutu il-bniet marru jghixu l-Iskozja, waqt illi hu u hutu is-subien baqghu jghixu mal-missier Malta. Il-konvenut kien qalilha li missieru kien jahqru meta kien zghir u kien strett izzejjed mieghu. Jekk jidhol tard id-dar missieru kien isakkru barra. L-attrici xehdet illi ghalhekk il-konvenut spiss kien jghaddi il-weekends jorqod fid-dar tal-genituri taghha. L-attrici kompliet tixhed illi hija kienet tithassar lill-konvenut, izda qatt ma irrealizzat illi hu kien qieghed ihares lejha aktar bhala ommu milli bhala l-gharusa tieghu, li kellha tkun martu. Hija xehdet illi ma tantx kienu iqattghu hin flimkien matul il-gimgha u ghalhekk ma setghetx tkun taf sew il-karattru tal-konvenut. Meta kien ikollhom xi okkazzjonijiet bhal tiegijiet il-konvenut kien jghidilha tehodnix hdejn in-nies, lili hallini wahdi. Jekk xi hadd kien ihares lejh kien jiddejjaq u jirrabja maghha ghaliex kien irid joqghod wahdu akkost ta’ kollox. L-attrici kompliet tixhed illi wara tlett snin gherusija hasset illi kien wasal iz-zmien illi hi u il-konvenut jizzewgu. Hasbet illi b’hekk il-konvenut kien ikun jista jehles mis-sikkatura ta’ missieru u b’hekk johrog il-veru karattru tieghu illi hi hasbet li ser ikun karattru aktar ferriehi u socjevoli. Meta issuggerietlu biex

jizzewgu il-konvenut kien qalilha li l-ewwel iridu isibu post fejn imorru jghixu wara iz-zwieg. Effettivament missier il-konvenut kien offrielhom post zghir fejn imorru jghixu u dan il-post kellu bzonn ftit tax-xoghol sabiex jigi irrangat. Fit-18 ta' Ottubru 1991 il-partijiet izzewgu, izda meta waslet fil-knisja biex tizzewweg indunat mal-ewwel illi l-konvenut kien xorob, ma kien jidher xejn f'tieghu u kien jidher illi minn naha tieghu kollox kien sforzat. Minn taht l-ilsien staqsietu ghalfejn kien qieghed jagixxi b'dak il-mod u ghalfejn kien xorob u hu irrispondiha billi qalilha ma nistax niffacja lin-nies, ma niflahx lil kullhadd ihares lejja. L-attrici kompliet tixhed illi peress illi l-post taghhom kien ghadu mhux lest wara iz-zwieg marru jghixu ghand omm l-attrici u l-konvenut meta heles mis-sikkatura ta' missieru kien ta ghax-xalar, beda johrog tard bil-lejl u jirritorna tard hafna u ma kienx jghidilha fejn ikun mar u ma min kien qieghed ikun. Sussegwentement skopriet li kien qed jinzel Haz-Zebbug, baqa imur hemm hekk il-pjazza u il-Club. Apparti il-hrug il-konvenut kien inbidel mill-lejl ghan-nhar ghaliex dak ir-ragel misthi inbidel f'ragel li mal-anqas argument kien jerfa idejh fuqha u iggebdilha xagharha u dan qatt ma kien ghamlu qabel iz-zwieg. L-attrici xehdet illi dan kien il-bidu ta' triq twila ta' vjolenza u krudelta li l-konvenut ikkommetta wkoll mhux biss fuq l-attrici, izda ukoll fuq uliedhom. L-attrici hasbet illi billi jirritornaw Haz-Zebbug il-konvenut kien ser imur ghall-ahjar, ghalhekk bieghu id-dar illi kien tahom il-konvenut u xtraw appartment Haz-Zebbug, izda meta marru joqghodu hemm hekk il-konvenut kompla mar ghall-aghar, ghaliex meta raha minghajr ghajnuna tal-familja taghha aktar zied fil-vjolenza u fid-dominanza tieghu. L-attrici dak iz-zmien ma indunatx illi l-konvenut kien qieghed jizvoga ir-rabja kollha li kien sofra minnha meta kien ghadu zghir minn taht idejn missieru, kien issawwatha ghal ta' xejn b'xejn. Hija mardet bid-depression u bdiet tiehu il-pilloli, hargitilha wkoll l-ezema u l-actu fl-istonku u t-tabib kien taha il-kalmanti. Il-vjolenza ma waqfet qatt u ghalhekk wara sentejn iddecidiet li bdiet tohrog wahedha u iltaqghet ma ragel li kien jaf jismaha u li mhux kull ragel kien bhal konvenut u spiccat kellha relazzjoni ma dan ir-ragel. Sussegwentement inqabdet tqila u lill-konvenut ma qaltlu xejn dwar il-fatt illi dan it-tifel setgha ma kienx tieghu

ghaliex bezghet illi taqla xi xebgha ohra u titlef it-tarbija. Effettivament illum il-gurnata wara li saru it-testijiet irrizulta illi l-ewwel wild taghha Patrick mhuwiex tal-konvenut. Hija xehdet illi din it-tqala ma kienet facli xejn ghaliex il-konvenut minkejja li ma kienx jaf bir-relazzjoni li kellha mar-ragel l-iehor xorta kien jerfa jdejh fuqha minkejja il-fatt illi kienet tqila u kien iwadbilha l-affarijiet fuq zaqqha, kien sar kopja identika ta' missieru. Spiccat torqod wahedha fuq il-bejt biex tevita is-swat. Fl-ahhar l-attrici ma felhitx aktar u kienet qaltlu il-verita dwar Patrick. Meta il-konvenut sar jaf illi kien hemm il-possibilita illi Patrick ma kienx tieghu il-konvenut ried li jkollu tarbija li zgur tkun tieghu akkost ta' kollox u ma setghax jaccetta li kienet bidlitu. Hija qallet illi dan mhux ghaliex kien ihobbha, izda ghaliex ma setghax jaccetta il-fatt illi kien hemm xi haddiehor illi b'xi mod setgha jirbahlu. Kien qalilha illi jekk ma ikollix tarbija minn tieghu irid jissepara. L-attrici skopriet illi kienet tqila, izda ma kienet qalet xejn lill-konvenut biex kemm jista jkun tevita is-swat u il-vjolenza. L-attrici xehdet illi regghet waqghet f'depression u minhabba illi kienet tqila ma setghetx tiehu kalmanti u ghalhekk iffirmat kuntratt ta' separazzjoni minghajr ma kienet taf illi kienet qeghda tghaddi lill-konvenut sehemha mill-appartament ta' Haz-Zebbug. Wara is-separazzjoni marret tghix f'appartament mikri. Sa dan it-tant il-konvenut kien qieghed jara nisa ohra u kien ghadu ma jafx illi kienet tqila. Hija xehdet illi meta il-konvenut sar jaf illi kienet tqila bit-tarbija tieghu beda imur ghand ommha ta' spiss u regghu irrangaw. Wara li twieldet it-tarbija tal-konvenut Christopher bdiet tmur ghand il-konvenut fil-weekends, izda il-konvenut ma kienx jaccetta il-biki tat-tarbija u rega kecciha mid-dar. L-attrici kellha xi inkwiet ma hutha, ma kellhiex fejn toqghod u kien ghalhekk illi accettat li terga tmur tghix mal-konvenut, izda aktar ma beda jghaddi iz-zmien il-konvenut aktar beda ikun kattiv ghaliex apparti il-vjolenza lanqas beda ihallilha flus id-dar u kellha tohrog tahdem fulltime. Ma kien ihalliha tkellem lil hadd lanqas lil girien u hu baqa johrog fit-tard u ihalliha waheda id-dar. L-attrici xehdet illi l-konvenut sar kopja identika jekk mhux aghar ta' missieru.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u cahad illi missieru kien isawwtu jew jahqru mtea hu kien zghir. Huwa xehed illi ried jizzewweg. Cahad illi kien xorob qabel ic-cerimonja taz-zwieg u qal illi kien kuntent hafna meta twieled l-ewwel tifel taghhom Patrick u ma kienx jaf illi dan ma kienx minn tieghu. Kien imur id-dar fil-break u l-attrici ma kienitx tkun id-dar. Kien jaf illi kellha depression, izda ma kienx jaf illi r-raguni ghal din id-depression kienet illi hija kienet zmien twil tmur ma irgiel ohrajn u kienet taf illi t-tarbija Patrick ma kienitx minn tieghu, minn tal-konvenut. Huwa cahad ukoll illi kien johrog wahdu u qal illi huwa kien imur biss il-gym. Il-konvenut xehed illi darba minnhom l-attrici talbitu tohrog mal-habiba taghha u mar-ragel taghha George u meta iltaqa ma dan George ha qatgha peress illi induna illi ibnu Patrick kellu wicc dan ir-ragel George. Kien ghalhekk illi ikkonfronta lill-attrici b'dan u hija ammettiet mieghu illi Patrick ma kien ibnu naturali. Saru it-testijiet tad-DNA illi ikkonfermaw dan kollu. Hu kien ghamel kawza il-Qorti fejn talab li jigi dikjarat illi Patrick ma kienx ibnu naturali. Il-konvenut xehed illi kien ihobb lil Patrick u saba difficli li jinfired minnu u ghalhekk iddecieda li jaghti lill-attrici cans iehor, izda ftit xhur wara rega qabadha ma dan George fil-karozza quddiem id-Dolmen Hotel fejn kienet tahdem. It-tieni darba meta qabadha quddiem id-Dolmen l-attrici kienet marret tikri post San Pawl il-Bahar u qabel ma telqet mid-dar kienet qaltlu dan ma tehodulhiex imma u tetpet tnejn fuq zaqqha u taghtu x'jifhem illi kienet regghet harget tqila. Wara madwar tmien xhur l-attrici cemplitlu u staqsietu imur jghinha iggorr l-affarijiet minn San Pawl il-Bahar ghal ghand ommha u hemm hekk ra li kellha tqala avvanzata. Il-konvenut xehed illi dakinhar l-attrici qaltlu illi t-tarbija li kienet ser titwieled kien hemm cans illi kienet tieghu, izda huwa kien beza illi dan ma kienx veru. Ma dana kollu rega' taha cans iehor u ghamel sforz biex l-affarijiet bejnu u bejn l-attrici imorru ghal ahjar. Il-konvenut cahad illi qatt refa idejh fuq l-attrici minkejja il-fatt illi hija kienet tipprovokah u terfa idejha fuqu fil-prezenza ta' ibnu Christopher. Il-konvenut xehed illi kienu isseparaw legalment darbtejn. Fl-ahhar ir-relazzjoni taghhom bdiet sejra mill-hazin ghall-aghar. Kien imur id-dar u jisma lill-attrici issakkar il-bieb biex ma jarax lit-tfal u

kienet izomm lit-tfal maghluqin kontra ir-rieda taghhom biex hu ma jarahomx.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel kawzali ikkowtata mill-attrici ghan-nullita taz-zwieg hija dik ikkontemplata mill-Artikolu 19 (1) (a) li jghid illi iz-zwieg ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet ikun inkiseb b'biza morali u theddid.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Marianna Calleja vs Francis Calleja deciza fit-2 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti tat spjegazzjoni ta it-tip ta' biza li trid necessarjament tigi ippruvata sabiex tigi ippruvata din il-kawzali. Fi kliem il-Qorti :

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Il-Qorti qalet ukoll sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida iz-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti.

Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid.

Illi il-Qorti rat li kien hemm konflitt ta' provi dwar il-fatt illi missier il-konvenut kien isakkru barra biex dan ma jidholx id-dar jekk jittardja imqarr biss b'hames minuti u ghalhekk il-Qorti rat illi din il-kawzali ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

Illi it-tieni kawzali hija dik ikkontemplata mill-Artikolu 19 (1) (c) u hija tittratta dwar il-fatt illi l-kunsens tal-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-

xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-Qorti f'dan ir-rigward rat sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Pierina Micallef vs Amor Bentanfous deciza fid-9 ta' Dicembru 2002 fejn gie dikjarat li kwantu ghall-qerq dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ippruvat. Il-qerq irid ikun tali li jkun jista ibieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta.

Illi sabiex jirrizulta il-qerq irid jigi ippruvat illi il-kwalita tal-parti l-ohra trid tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat, trid tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, trid tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament, ma tridx tkun maghrufa lill-parti l-ohra, trid tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottenut il-kunsens maritali u trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta ghaliex inkella jitqies li zball ma kienx sostanzjali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi mill-asjem tal-provi prodotti l-attrici irnexxielha tipprova illi l-konvenut kien vjolenti maghha wara iz-zwieg, kemm billi kien iggebdilha xaghra, kif ukoll billi kien issawwatha. Hija ippruvat illi l-karattru tieghu fil-fehma taghha kien inbidel totalment u meta thares lura indunat illi lill-konvenut ma kienitx tafu, ma kienitx taf l-aspetti vjolenti tal-karattru tieghu. Matul iz-zwieg l-attrici xehdet illi kienet tara atti ta' vjolenza u ta' krudelta da parti tal-konvenut illi qatt ma basret illi setgha ikun kapaci ghalihom, fosthom meta kien wegga lill-kelb, kien ikun irid izommha imsakkra id-dar u kien jerfa jdejh fuqha u dan meta qabel kien juriha li kien bniedem misthi u sahansitra sabiex ikun kapaci jaffacja lin-nies illi kienu stiednu ghat-tieg kellu anke jiehu drink.

Ghalhekk il-Qorti rat illi abbazi ta' din il-kawzali il-kunsens moghti mill-attrici ghaz-zwieg kien vizzjat b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li setghet mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga u liema kwalita kienet mistura

totalment lill-attrici u ghalhekk ma kienitx taf biha meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg.

Illi l-attrici ticcita wkoll il-kawzali kontemplata taht l-Artikolu 19 (1) (d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Il-Qorti f'dan ir-rigward rat sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet Charles Atkins vs Matilde Atkins fejn il-Qorti qalet hekk :

"… …. il-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` l-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."

Illi l-Qorti rat illi mill-provi prodotti l-attrici irnexxielha tipprova illi kemm hi, kif ukoll il-konvenut ma kellhomx dik il-maturita li setghet twassalhom ghal konoxxenza shiha ta' xi jfisser iz-zwieg bl-obbligazzjonijiet u bir-responsabbilitajiet kollha illi igib mieghu.

Illi jidher illi l-imhabba ma kienitx tiffigura f'dan iz-zwieg. Irrizulta illi l-attrici kienet nieqsa mill-obbligu taghha tal-fedelta lejn il-konvenut illi da parti tieghu kien johrog ta' spiss u idum barra u meta jirritorna ma kienx jghid lill-martu fejn ikun mar u ma min ikun iltaqa. Jirrizulta bl-aktar mod car illi iz-zewg partijiet raw iz-zwieg bhala mezz

kif setghu isolvu il-problema ta’ missier il-konvenut u ghalhekk dan huwa kaz car ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju da parti kemm tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut, li ma rawx il-konsegwenzi serji li setghu jigu rinfaccjati bihom wara iz-zwieg, izda raw biss il-konsegwenzi ta’ dak il-mument.

Illi l-Qorti rat ukoll illi irrizulta illi kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut ma kienux kapaci jassumu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.  L-attrici da parti taghha fuq ammissjoni taghha stess, kellha relazzjoni ma ragel iehor li minnu kellha tarbija matul iz-zwieg u damet ma qalet b’dan lill-konvenut erba’ (4) snin shah wara it-twelid ta’ din it-tarbija.  Il-konvenut da parti tieghu kien ihalli ir-responsabbilita kollha fuq l-attrici u ghalih iz-zwieg kien iffisser biss dominanza fuq martu.

Il-Qorti rat illi giet ippruvata biss l-ewwel parti tal-Artikolu 19 (1) (d) u mhux ukoll it-tieni parti u cioe’ illi xi hadd mill-partijiet kien qieghed isofri minn xi anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih jew ghaliha illi jaqdi u jassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.
Illi ir-raba kawzali citata mill-attrici hija dik ikkontemplata mill-Artikolu 19 (1) (h) u cioe’ li l-kunsens kien vizzjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.
Illi l-Qorti rat illi ghalkemm fl-affidavit taghha l-attrici allegat illi l-konvenut kien fis-sakra meta ta il-kunsens tieghu ghaz-zwieg, meta l-attrici xehdet fil-Qorti ammettiet illi dan ma kienx minnu u illi il-konvenut kien qalilha biss illi ha drink u b’hekk certament ma ippruvatx illi l-konvenut kien fis-sakra meta ta il-kunsens tieghu ghaz-zwieg u ghalhekk din il-kawzali ma gietx ippruvata minn naha tal-attrici.
Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta’ Dicembru 1991 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, izda ai termini biss tal-Artikolu 19 (1) (c) u 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta; Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------